**MINUTI**

**LAQGHA TAL-KUNSILL LIKALI S-SWIEQI**

**LEGISLATURA NUMRU SEBGHA**

**19 TA JANNAR 2017**

Il-Kunsill Lokali tas-Swieqi ltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fic-Centru Civiku, Kunsill Lokali S-Swieqi, Triq G. Bassiera, S-Swieqi fil-17.15

Prezenti:

Noel Muscat - Sindku

Justin Fenech - Vici Sindku

Alex Chetcuti - Kuinsillier

Mary Anne Abela - Kunsillier

Paul Fenech - Kunsillier

Alfred Curmi - Kunsillier

Mauro Miceli - Kunsillier

Mario Fava - Kunsillier

Ufficjal Prezenti:

Vince Tanti - Segretarju Ezekuttiv

Skuzata: - Theresa Valentino, illi fil-hin tal-laqgha cemplet tavza li kellha tiehu lill ommha l-isptar b'emergenza.

Qari tal-Minuti

Il-minuti gew approvati minn Mauro Miceli u ssekondati minn Justin Fenech, wara li ngibdet l-attenzjoni ghal punt zghir ta' korrezzjoni fejn Is-Sindku u mhux il-Vici Sindku qal it-talba tas-seduta precidenti.

Rapport tas-Sindku

Peress illi din kienet l-ewwel laqgha tas-sena s-Sindku beda billi gedded l-awgurju tieghu ghal sena hidma gdida. Fakkar ir-ringrazzjament u l-awgurgu ghal irtirar mimli sahha u risq lis-Sur Hugh Zammit, l-ex-Segretarju Ezekuttiv ta' dan il-Kunsill ghal dawn l-ahhar 20 sena, kif ukoll l-awgurju ghal hidma tajba lil Vince Tanti bhala s-Segretarju Ezekuttiv l-gdid.

Hu pprezenta rapport li jinsab anness wara mmarkat (Annes A) li jinkludi l-hidma li sar minnu mill-ahhar laqgha. Kien hem xi punti li ghamel iktar accen fuqhom inkluzi:

i. L-appell ghal Applikazzjoni ghal Hostel, fejn is-Sindku wera thassib u riserva fuq din l-applikazzjoni. Hu sahaq li jekk tinghata permess ghal Hostel, ftit wara jigu applikazzjonijiet ghal lukandi, u dan johloq iktar inkonvenjenza ghar-residenti. Il-Kunsillier Paul Fenech ghamel referenza ghad-differenza bejn Hostel u lukanda u accenna li hostel ma hemm l-ebda tip ta kontroll, ghax kull ma toffri hija sodda fejn torqod. Hu qal li qatt ma ghandha tinghata permess ghal hostel.

ii. Laqgha mal-MTA fir-rigward ta l-installazzjoni ta' CCTV Cameras fis-Swieqi kif mhabbra f'xi mezzi tax-xandir lokali. B'sorpriza harget ahbar fuq xi mezzi tal-media fejn l-Awtorita tat-Turizmu, permezz tal-Ministru approval l-installazzjoni ta' numru ta' CCTV Cameras fil-lokalita. Il-Kunsillier Mario Fava spjega kif kien il-Prim Ministru li talab lill-Ministru tat-turizmu jiehu l-mizuri necessarji sabiex jindirizza flimkien mal-MTA il-problemi ta' abbuz, il-vandalizmu kif ukoll is-sigurta fit-toroq tas-Swieqi.

    Is-sindku stieden lill Vici Sindku jitkellem fuq il-punti tal-laqgha mal-MTA fl-intervent tieghu.

iii. Kompla fuq l-MTA, is-Sindku staqsa lis-Seg. Ezek. x'progress sar fuq it-tender tal-bins li riedu jisponsorjaw l-MTA. Wera d-disappuntament tieghu kif din ilha sejra ghal dawn l-ahhar hames xhur u ghad m'hemmx tender mahruga. Is-Seg. Ezek. informa illi t-tender jinsab mwahhal id-dipartament. Intbghat ghal Novembru li ghaddha, gie lura ghal xi emmendi f'Dicembru, rega gie emmendat u ntbghat lura izda s-issa ghad ma hemmx risposta.

iv. Punt iehor li ressaq is-sindku jirrigwarda l-issue tat-tender ta' Street Lighting. Fakkar lill membri prezenti li t-tender li qed nahdmu fuqu huwa skadut u irregolari, u avza li kellu kuntatt mas-Sindki ta' San Gwann, San Giljan u tas-Sliema sabiex jinghaqdu u jipprezentaw tender flimkien. Is-Sindku staqsa jekk jaqbilx li nahdmu ghall-rasna jew ninghaqdu flimkien ma' dawn il-Kunsilli msemmijja u nohorgu tender flimkien.

v. Kien hemm opinjonijiet diversi fuq x'jaqbel l-iktar izda gie deciz li s-Sindku jsejjah ghal laqgha mal-kunsilli msemmijja sabiex jigbor iktar informazzjoni.

vi. Triq il-Keffa regghet ssemmiet mis-Sindku ghaliex li-stat taghha kull ma jmur qed jsir ta periklu ghas-socjeta – iddiskrivija bhala 'Crisis without an end', fejn anki ghamel suggeriment fejn titwahhal tabella tavza n-nies li qed juzaw din it-triq b'risponsabbilta personali. Il-Kunsillier Mario Fava saqsa x'manutenzjoni saret mill-kunsill f'din it-triq u hawnhekk bdiet diskussjoni fuq dan il-punt fejn fost affarijiet ohra ssemmiet in-nefqa kbira li l-Kunsill ghamel fi triq il-Qasam, fejn seta sar mil-Gvern minhabba l-progett tal-Kappara. Issemma wkoll punt li hemm possibilta kbira li ser jkun hemm zvilupp sostanzjali f'sit fil-parti ta fuq ta' Triq il-Keffa, progett li jista jfisser iktar qlugh. Il-

Kunsillier Fava qal li l-Gvern Centrali kien ghadda iktar minn €100,000 ghal Triq il-qasam lil Kunsill.

Is-Sindku wera l-intenzjoni illi jalloka z-zieda tal-budget ghat-tiswija tat-toroq, il-ghaliex apparti din it-triq jidher li hemm hsarat ukoll fit-toroq Hemel (Minn fejn Spiera sa Ronkun), parti mit-Triq is-Sirk, kantuniera ma Triq il-Hemel, partijiet mit-toroq Ilqugh, il-Hawt, il-Ghajn u is-Sidra. Hafna min dawn il-hsarat saru mimn kuntratturi tal-WSC fit-tiswijiet ta' konnessjonijiet u manutenzjoni domestiku, u kien inghata parir li li jinghata saff irqiq ta' tarmak.

Is-Sindku talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jgib tlett kwotazzjonijiet ta' dawn it-toroq.

Il-Kunsillier Fava irrimarka li zewg seduti ilu hu kien diga ressaq proposta biex issir lista ta' prijoritajiet fit toroq u t-80,000 zieda fl-allokazzjioni tal-kunsill, tigi vvutata ghal dawn il-prijoritajiet

vii. Il-kunsill oggezzjona ghal diversi zviluppi, partikolarment dawk li jaqghaw fl-ODZ. Xi-whud min dawn l-oggezzjonijiet jinsabu fl –istadju t-appell. Ukoll f'hafna min dawn l-appelli jenhtieg l-ingaggar ta'avukati u periti, kif ukoll spejjes lill PA. Dawn kollha spejjez zejda izda necessarji sabiex inzommu mal punti originali taghna t l-oggezzjoni. Talab li mmxxu bl-appelli taghna u kien hem qbil unanimu.

viii. Fuq diversi punti ta' sigurta fil-lokalita fid-dawl ta l-aktar incidenti serji ta glied fil-lokalita is-sindku nf0orma li fit-tletin ta' Jannar ser jsir laqgha mal-Kumissarju tal-pulizija fuq dan.

ix. Is-sindku ghalaq l-intervent tieghu billi irringrazzja lill Kunsillier Paul Fenech u t-tim tieghu maghmula mil-Kunsillier Theresa Valentino u l-helpers Lucia Vassallo u Miriam Decelis tal-hidma li qed jaghamel fil-kamp edukattiv u kulturali fi-hdan il-kunsill lokali. Dawn l-attivitajiet jridu jigu *promoted* sabiex tikber l-attendenza tar-residenti fihom.

<u>Rapport mil-Vici-Sindku Justin Fenech</u>

i. Il-Vici Sindku pprezenta tender tas-servizz ta'CCTV Cameras li kien ilu jahden fuqu ghal numru ta'gimghat. Hekk kif id-dokumentazzjoni tlesta harget l-ahbar illi l-MTA sejra tinstalla numru ta CCTV Cameras fis-swieqi fuq inizjattiva taghha.

Flimkien mas-sindku attendew Laqgha ma l-MTA fuq dan u gew mgharrfa li l-MTA kienet lesta twahhal tnax-il camera fis-Swieqi filwaqt li l-kunsill kellu ppjanat li jwahhal 9. Irrimarka li id-disgha cameras li kien ser jinstalla l-Kunsill kienu ser jigu ffinninzjati mid-dhul ta' l-advertising boards.

L-MTA talbu li l-base jkun fil-Kunsill lokali, u l-Kunsill jassumi r-responsabbilta tal-control centre taghhom kuf ukoll il-manutenzjoni, dan ta l-ahhar huwa stmat li ser jiswa ma L-€1000 fis-sena.

Gie rakkommandat li xi cameras minn dawn li ser jigu nstallati jkunu portable, sabiex jkunu jistaw jitwahhlu fejn jkun hemm bzonn.

Sar appell mill-Kunsillier Alex Chetcuti li jigu operabbli is-CCTV Cameras li jinsabu fil-gnien tac-centru civiku, partikolarment dik li taghti fuq il-bring-in site. L-Alberta jridu jigu kkuntattjati fuq dan il-punt.

Is-Sur Fenech avza li kienu ilhom jsiru laqghat, anke darbtejn fil-gimgha matul is-sajf izda dejjem kien hemm xi ntopp jew xi haga li twahhal il-progress. Issa li dahlet l-MTA, ghalkemm pprezentat progett interessanti u ta' gid is-Sur Fenech talab li l-Kunsill xorta ghandu johrog it-tender tieghu, u b'hekk il-lokalita tas-Swieqi jkolla mad 29 camera topera.

Il-Kunsillier Fava irrakomanda li Triq is-swieqi tigi estiza sa hdejn il-gnien FX Ebejer u l-parti tal-wied biex b' hekk, tkun *covered* il-parti kollha ta't-toroq bhal Triq l-ghamad, ilma, molletta, gizimin u ohrajn. Dan anki ghaliex hemm hemm koncentrazzjoni kbira ta' barranin u dawn il-cameras iservu wkoll ghal kontra l-abbuz ta' hrug ta' skart barra minn hinu.

ii. Il-Promozzjoni ta l-attivitajiet organizzati mill-Kunsill Lokali
Is-Sur Fenech tkellem fuq in-nuqqas ta' promozzjoni li qieghda ssir ghal attivatijiet organizzati mill-Kunsill Lokali u hemm bzonn li l-Kunsill jindirizza dan in-nuqqas. Issegurixxa li peress li il-lokalita tas-Swieqi fiha il'fuq min 10k resident intitolati ghal erbgha clerks, u aktar milli nsibu wahda temporanja imissna nahdmu sabiex jkollna segretarjau/a Amministrattiv/a fi grad 11 sabiex tikkoncentra xoghla fuq PR kif ukol EU Funding. Il-membri tal kunsill approva dan is-suggeriment.

<u>Rapport mill-Kunsillier Mauro Miceli</u>

i. Is-Sur Miceli avza illi qieghed jahdem fuq progett ffininzjat mill-Eunjoni Ewropeja, progett li jinvolvi il-partecipazzjoni ta' numru ta organizzjonijiet mill-Ewropa. Lokalment il-Kunsilli tas-Swieqi u ta' Santa Lucija huma rregestrati bhala partners. Is-Sur Miceli ser iressaq iktar dettalji fil-laqgha li jmiss.
ii. Tkellem ukoll fuq idea tal-President ta'Malta u s-Secret Garden, fejn l-iskop ewlieni tal-President hija l-integrazzjoni bejn id-diversi kulturi gewwa Malta. Ippropona illi jsiru xi workshops relatati ma' issues inter-kulturali gewwa s-Swieqi, peress illi f'din il-lokalita hawn hafna nies ta' nazzjonalita u kultura diversa. Ssugerixxa li tista ssir attivita ta' gurnata interkulturali.
iii. Fl- ahhar nett is-Sur Miceli informa l-kulhadd illi inghaqad grupp sportiv gdid fl-assocjazzjoni Sportiva tas-Swieqi, tim tal-baseball.

Rapport mill Kunsillier Mary Anne Abela

i. Is-sinjura Abela rrapportat li kellha laqgha mal-Perit Dieter Falzon biex jaghamel rapport fuq l-introduzzjoni ta Speed Cameras f'Madliena Road. Hu identifika erbgha postijiet fejn jistghu jitwahhlu dawn il-cameras u dan ir-rapport gie approvat unanimament mill- KAM. Is-Segretarju Ezekuttiv ser jibghat ittra ufficjali lil-LESA f'dan ir-rigward wara li dan ir-rapport gie wkoll approvat unanimament mill-Kunsill lokali.

ii. Is-Sinjura Abela staqsiet ukoll x'progress qed jsir fug l-applikazzjoni tar-ristorazzjoni tal forti Madliena. Is-Segretarju Ezekuttiv precedenti kien kiteb lill Dipt. Ta' l-artijiet, u il-prezenti ser jiccekkja x'progress sar fuq dan.

iii. Staqsiet ukoll x'qed jigri mill-applikazzjoni sabiex tigi nstallata traffic calmer fi triq il-Perkursur. Tkellmet fuq il-possibilta li ssir central strip fi triq Sant'Andrija biex nies nezlin minn Triq Perkursur ma jkunux jistaw jduru ghal direzzjoni San Giljan minn hawn. Avzat illi kella tintaqa' mal-Perit tal-Kunsill biex tiddiskuti din il –possibilta. Fl-istess Junction, izda iktar l-isfel sar rapport sabiex fil-main road, kif taqbez il-Luxol Ground in-nies ghadhom jaghamlu u-turn perikoluza ghat-trejqa li taghti ghal Triq il-Qasam. Peress li-Triq Sant Andrija hija triq arterjali, din tigi responsabbilta ta' Transport Malta, u ghalhelkk trid tintbat ittra lil TM sabiex jsir *Double White Line* fil-parti ta fejn qeghedin iduru n-nies, sabiex jitnaqqas il-periklu. Gie diskuss il-possibilita li titwahhal tabella *no right turn* man-naha ta' Pembroke, u s-Segretarju Ezekuttiv ser jara jistax jsir dan.

iv. Prezentat numru ta firem mir-residenti tal-Madliena sabiex l-ex Medical Stores li jinsabu f'Ta Stronka jinghataw ghal uzu ta' rikreazzjoni u attivitajiet ta' kultura u attivitajiet ohra. Hija talbet li flimkien mas-Sindku jmorru jipprezentaw din il-petizzjoni lil-Prim Ministru. Kien hem qbil unanimu fuq dan.

v. Gharfet ukoll li tixtieq tipproponi lli l-kunsill jissieheb fil Majjistral Action Group, NGO tahdem sabiex iggib fondi mill Eunioni Ewropeja ghal progetti rurali. Qalet li il-membership hija ta €500.00 kull kunsillier. Qalet illi ser tistieden lis-sinjura Marisa Marmara minn din l-organizzazzjoni sabiex taghamel presentazzjoni fuq il-hidma taghhom u kull kunsillier hu mistieden jattendi.

vi. Ghalqet billi tkellmet fuq hidma ambjentali li qed issir min individwu, Julian Caruana fuq art f-Wied Ghomor u lil-hin tieghu. Is-Sur Caruana qiegħed jizra numru ta' sigar fil-wied. Is-Sur Caruana spjega kif qed jiffaccja problemi ta' tifi ta' skart fil-wied minn persuni mit-toroq tas-Swieqi, ta San Gwann u ta San Giljan, izda t-talba principali tieghu hija ghal Bowser ilma kull xahar minghand l-agrikoltura sabiex isaqqi dawn is-sigar, sakemm jiehdu r-ruh u jfendu ghal rashom. Is-Sinjura Abela tablet lill Kunsill sabiex jghin lis-Sur Caruana f'din il-hidma. Kien hem qbil unanimu fuq dan.

Peress illi beda jsir il-hin il-kunsilliera talbu aggornament izda is-Segretarju Ezekuttiv ried iressaq punt fir-rigward ta' l-Organizzazzjoni internazzjonali ECAD, li taghha il-Kunsillier Mario Fava huwa membru ta' l-ezekuttiv. Is-sur Fava hu mitlub jattendi xi laqghat barra min Malta f'qasir zmien, u xtaq l-approvazzjoni tal-kunsill sabiex jkun jista jattendi. Is-Sindku approva l-partecipazzjoni, sekondat mill- Vici Sindku, u s-Sindku ppropona lis-Sur Fava jinvolvi lil Kunsilli ohra partecipanti sabiex jinvolvu ruhhom iktar f'attivitajiet iktar l-quddiem. Il-Kunsillier Fava ta spjega dwar dak li qed isir u talab l-approvazzjoni wkoll ghal partecipazzjoni tieghu ghal konferenza li ser issir f' Gunju gewwa l-Lithuania. Il-Kunsill approva.

Approvazzjoni ta' Pagamenti u Xiri Iehor

Giet ipprezentata l-iskeda tal-pagamenti nru.27 u wara li saru xi aggustamenti hekk kif rikjest fl-email tal-Kunsillier A. Curmi (mehmuz bhala App.B), hadd ma ogezzjona minn dawk prezenti u ghaldasqtant dawn il-pagamenti kollha gew approvati. Is-Sindku ppropona u l-Vici Sindku ssekonda.

Il-laqgha ntemmet fit 20.30 u giet aggornata ghal 8 ta' Frar fil-17.00

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Vince Tanti |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |